# *IL-KOPERNIKU*

## Taħdita bejn tnejn

TA'

## ĠAKMU LEOPARDI

L-EWWEL XENA

*L-Ewwel Siegħa u x-Xemx*

S. Il-jum it-tajjeb, Eċċellenza.
X. Aħjar tgħid il-lejl it-tajjeb.
S. Iż-żwiemel jinsabu mhejjija jistennew l-amar tiegħek.
X. Tajjeb.
S. Il-Kewkba ta' Venere ilha li feġġet mhux ftit.
X. Tajjeb: tista' tiġi jew tmur kif jogħġobha.
S. Xi trid tfisser b'dan, Eċċellenza?
X. Irrid li tħallini waħdi fil-kwiet.

S. 'Ma, Eċċellenza, il-lejl dam biżżejjed u ma jistax idum aktar; u jekk aħna niddawru inti tara, Eċċellenza, li wara jinħoloq xi għawġ.

X. Jiġri dak li jrid, b'danakollu jiena ma nitħarrikx.

S. Oh, Eċċellenza, x'inhu dan tiegħek? Ma jħossikx ħażin?

X. Le, le, ma nħoss li għandi xejn; ħlief li ma rridx nitħarrek; u għalhekk inti tista' tmur għal xogħlok.

S. Kif nista' mmur jiena jekk ma tiġix inti wkoll, ladarba jiena l-ewwel siegħa tal-jum? U kif jitwieled il-jum jekk l-Eċċellenza tiegħek ma jogħġobhiex, bħal dari, toħroġ barra?

X. Jekk ma tkunx l-ewwel siegħa tal-jum, tkun tal-lejl; jew inkella s-sigħat tal-lejl jagħmlu xogħol ta' tnejn, u inti u sħabek toqogħdu titgħażżnu. Taf għaliex dan kollu? Jiena xbajt indur bla heda biex indawwal ftit annimali li jgħixu fuq ponn tajn, hekk żgħir li jiena, għalkemm għandi għajnejn tajba, ma jirnexxilix nara; u dan il-lejl jiena qtajt li għal daqshekk ma rridx taħbit ieħor; jekk il-bnedmin iridu jaraw id-dawl, ħalli jżommu n-nirien tagħhom imkebbsa, jew jaħsbu għalih xort'oħra.

S. U kif xort'oħra, Eċċellenza, taħseb li l-imsejkna jistgħu jsibu? U barra minn dan biex iżommu l-imsiebaħ jew jiksbu biżżejjed xemgħat li jixegħlu ma' tul il-jum kollu, tkun meħtieġa nefqa wisq kbira. Li kieku diġà nstab kif tagħmel dik l-arja tajba għalbiex tixgħel u ddawwal it-toroq, il-kmamar,

il-ħwienet, il-kantini u kull ħaġ'oħra, u kollox bi ftit flus, kont ngħid li l-qagħda ma kinetx tkun ħażina wisq. Iżda biex dan isir għad iridu jgħaddu tliet mitt sena oħra, xi ftit aktar jew anqas, qabel ma l-bniedem jikxef dak ir-rimedju; u ma' tul dan iż-żmien il-ġnus ikunu neqsin miż-żejt, mix-xama', miż-żift u mix-xaħam tad-dar u ma jkollhomx injam xi jkebbsu.

X. Ikollhom jiġġerrew wara l-imsiebaħ tal-lejl u wara dak id-dud żgħir li jiddi.

S. U kif jinsatru mill-ksieħ? Għax mingħajr dik l-għajnuna li l-Eċċellenza tiegħek ittihom ma jkunx biżżejjed in-nar ta' l-imsiebaħ kollha biex isaħħanhom. Huma jmutu wkoll bil-ġuħ għax l-art ma tagħtix aktar il-frott tagħha; u hekk, f'qasir żmien, jintemm in-nisel ta' dawk l-imsejkna annimali li, wara li jkunu ġġerrew 'l hawn u 'l hinn mad-dinja kollha, itaffu, jfittxu biex jgħixu u biex jissaħħnu, fl-aħħarnett, mikula kull ħaġa oħra tal-għajxien, u mitfija l-aħħar ġamra tan-nar, imutu lkoll fid-dlam, ebsin u kiesħa daqs biċċiet tal-kristall tal-blat.

X. X'għandi x'naqsam ma' dan jien? Jiena miniex l-imreddgħa tan-nisel tal-bnedmin, u lanqas il-kok li għandu jsajrilhom u jhejjilhom l-ikel. L-anqas għandi nħawwad moħħi jekk xi ftit ħlejjaq imsejkna, li ma narax, u li jinsabu 'l bogħod minni miljuni ta' mili, ma jkunux jistgħu jaraw jew ma jkunux jistgħu jżommu bil-bard, mingħajr id-dawl tiegħi. U wara kollox, jekk jiena għandi nibqa' nagħmilha, biex ingħid hekk, ta' stufa jew ta' kenur lil din ix-xirka tal-bnedmin, jixraq aktar li biex dawn jissaħħnu jiġu huma madwar il-kenur u mhux li l-kenur imur hu nnifsu madwar id-dar. Għalhekk, jekk l-art ma tistax tkompli mingħajri, jeħtieġ li timxi hija u titħabat; għaliex jiena ma jinħtieġli xejn mill-art, u ma għandix għalfejn noqgħod infittixha.

S. L-Eċċellenza tiegħek trid tgħid, jekk fhimt tajjeb, li dak li fl-imgħoddi għamilt int, tagħmlu issa l-art.

X. Iva: issa u 'l quddiem għal dejjem.

S. F'dan kollu l-Eċċellenza tiegħek tinsab fis-sewwa, u biha nnifisha tista' tagħmel li trid. Iżda b'danakollu, nitolbok li bil-ħlewwa taħseb kemm ħwejjeġ sbieħ ikollhom imorru ħażin, jekk iseħħ dan it-taqsim ġdid. Il-jum jitlef is-sħana tiegħu sabiħa tad-deheb u ż-żwiemel tiegħu sbieħ li jinħaslu f'xatt il-baħar; u, biex ma ntarrafx ħaġa b'ħaġa kollox, għalina, imsejkna sigħat, ma jkunx hemm post fis-sema, u minn tfajliet tas-sema nsiru tfajliet ta' l-art, jekk ukoll, kif nobsor, ma nis-

fgħux f'duħħan. Fuq daqshekk isir dak li għandu jsir: l-aqwa huwa li tħajjar l-Art timxi dawra durella, u għaliha li mhix imdorrija dan ikun wisq iebes; u aktarx ikun jidhrilha stramb li jkollha tiġri u titħabat, meta hija lanqas biss qatt tħarrket minn postha sal-lum. U jekk l-Eċċellenza tiegħek bdiet issa, kif jidher, tagħti ftit widen għall-għażż, jiena naf li l-Art mhi xejn aktar imxejra għax-xogħol il-lum miż-żmenijiet ta' qabel.

X. Il-ħieġ, f'din il-ħaġa, iniggiżha u jġagħlha taqbeż u tiġri kemm ikollha bżonn. Iżda, ikun x'ikun, l-aktar triq ħafifa u ta' malajr hija li jinstab poeta jew filosofu li jirnexxilu jdawwar l-Art li tiċċaqlaq, u li jekk xort'oħra ma jirnexxilux iġegħilha timxi bid-dnewwa. Għaliex fl-aħħar mill-aħħar din il-ħidma tinsab l-aktar fis-setgħa tal-poeti u tal-filosofi: huma tabilħaqq jistgħu aktarx kollox. Il-poeti kienu dawk li fl-imgħoddi (jiena kont għadni żagħżugħ u kont nisma' minnhom) bl-għanjiet sbieħ tagħhom ġegħluni nidħol b'rieda tajba, bħallikieku xi xalata jew ħidma ta' ġieh, għax-xogħol iblah li niġri bħal wieħed mitluf, hekk kbir u oxħon kif jien, madwar kobba ta' ramel. Iżda issa, li ninsab misjur biż-żmien u li ntfajt għall-filosofija, infittex biss f'kull ħaġa l-fejda, u mhux is-sbuħija; u l-fehmiet tal-poeti, jekk ma jqanqlulix l-istonku, għall-anqas idaħħkuni. Meta nagħmel xi ħaġa jrid ikolli għalfejn tassew, u billi ma nsibx għaliex għandi nagħżel għall-ħajja ta' għażż u għanja l-ħajja ħabrieka, li ma tagħtikx frott li tħallas ma ngħidx it-taħbit, iżda lanqas biss il-ħsieb (għax fid-dinja ma hemmx frott ta' xi siwi), għaldaqshekk qtajt li nħalli t-tbatijiet u x-xkiel għal ħaddieħor u jiena għalija ngħix f'dari bla ħsieb u bla taħbit. Din it-tibdila fija, kif għidtlek moqbejl, barra minn dak li ħawtlet l-età, ġibuha l-filosofi, nies li f'dawn l-aħħar żmenijiet bdew jiżdiedu fis-setgħa u qegħdin jiżdiedu kuljum aktar. Għalhekk, billi rrid li issa l-Art timxi u tintefa' għall-ġiri minflok tabilħaqq min-naħa l-waħda jkun aktar ta' siwi poeta minn filosofu; għax il-poeti, daqqa bi ħrafa, daqqa b'oħra, filwaqt li jagħtu x'jifhem li l-ħwejjeġ tad-dinja jiswew ħafna, li huma sbieħ u jintgħoġbu, u filwaqt li jnisslu ħafna tamiet ta' ferħ, dlonk iħajru lil oħrajn jitħabtu; iżda l-filosofi ineħħulhom il-ħajra. Min-naħa l-oħra, billi l-filosofi bdew ikunu minn fuq nibża' li poeta l-lum ma jiġix mismugħ mill-Art aktar minn dak li kont nisimgħu jiena: jew li, jekk qatt jiġi mismugħ, ma jagħmel l-ebda seħħ. U għalhekk ikun aħjar li nqabbdu xi filosofi li, għalkemm tabilħaqq huma aktarx ftit imxeħta u anqas

imħajra biex iqanqlu oħrajn għax-xogħol, jista' jkun li f'ħaġa bħal din hekk aħħarija, tiġi lilhom magħmula ħaġa mhux bħal ta' dari. Hlief li l-Art ma taqtax li jkun aħjar għaliha li tintilef u titħarbat għall-mewt milli tistinka hekk bil-qawwi; u jiena ma ngħidx li tkun fit-triq il-ħażina...... Iżda biżżejjed kliem fuq hekk, wara naraw dak li jiġri. Inti għalhekk għandek tagħmel ħaġa.waħda: mur hemm fl-Art, inkella ibgħat waħda minn sħabek, dik fosthom li tagħżel; u jekk hija ssib xi wieħed minn dawk il-filosfi barra minn dan għall-ksieħ jifli s-sema u l-kwiekeb, kif aktarx għandha ssibu mħabba dan il-lejl, hekk twil bħal qatt qabel, hija, mingħajr kliem xejn, għandha twieżnu fuq darha u ttellgħu sa hawn fuq, u hekk terġa' tiġi hawn u ġġibuli quddiemi. Jiena mbagħad nara kif inħajru jagħmel dak li huwa meħtieġ. Fhimtni tajjeb?

S. Iva, Eċċellenza. Tkun moqdi sewwa.

---

## IT-TIENI XENA.

Koperniku fuq il-bejt tad-dar tiegħu, iħares lejn is-sema n-naħa tal-Lvant b'lembut tal-karta, għaliex il-kannokkjali kienu għadhom mhumiex magħrufa.

"Din ħaġa kbira tal-lejla. Jew l-arloġġi kollha ħżiena, jew ix-xemx imissha ilha li telgħet aktar minn siegħa. Minn hawn ma jidher l-anqas xaqq dawl fil-Lvant, għalkemm is-sema huwa safi u mieles bħal mera. Il-kwiekeb kollha qegħdin jiddu qisu għadu nofs il-lejl. Mur staqsi lil Almagisto jew lil Sacrobosco biex jagħtuk tagħrif fuq dan il-għaġeb. Jiena smajt kemm-il darba dwar il-lejl li Ġovi għadda mal-mara ta' Anfitrijoni, u niftakar ukoll li qrajt ftit ilu fi ktieb maħruġ daż-żmien u miktub minn Spanjol li n-nies tal-Perù jgħidu li darba, fil-qedem, kien hemm f'arthom lejl twil ħafna, jekk mhux bla tmiem, u li fl-aħħar ix-xemx feġġet minn ġewwa għadira msejħa ta' Titikaka. Sal-lum jiena iżda ħsibt li dan l-għajdut ma kienx ħlief ħrafa; u dan żammejt bil-qawwa, kif jagħmlu n-nies kollha mżejna bid-dehen. Issa li qiegħed ninduna li d-dehen u l-għerf ma jdawlux, biex nitkellem sewwa, l-anqas l-iżgħar ħaġa, nasal biex nemmen li dawn il-ħwejjeġ u oħrajn bħalhom jistgħu jiġru tabilħaqq. Jiena ser nitlaq lejn kemm nista' għadajjar u mogħxijiet imtajna, biex nara niltaqax u nistax insib lix-Xemx. 'Ma x'inhu dan iż-żanżin li qed nisma', donnu bħal ta' ġwienaħ ta' xi għasfur kbir?

## IT-TIELET XENA.

*L-aħħar Siegħa u Koperniku*

S. Koperniku, jiena l-aħħar Siegħa.

K. L-aħħar siegħa? Tajjeb, ikolli nuri wiċċ ħelu għal kollox. Biss, jekk jista' jkun, tini biżżejjed żmien biex inkun nista' nagħmel testment u nħalli ħwejġi sewwa, qabel ma mmut.

S. Xi tmut tmut? Jiena miniex l-aħħar siegħa ta' ħajtek.

K. Mela inti min int? L-aħħar siegħa ta' l-uffizzju tal-qassisin?

S. Naf tajjeb jien li dik għalik hija l-aktar siegħa għażiża, meta ssib ruħek fil-kor.

K. Imma inti kif taf dan, li jiena Kànonku? U kif tafni? Kif sejjaħtli wkoll ftit ilu b'ismi?

S. Hadt aħbarek minn għand x'uħud li kienu fit-triq hawn taħt. Fil-qosor, jiena l-aħħar siegħa tal-jum.

K. Ah, issa fhimtek: l-ewwel siegħa hija marida u minn dan ġej li d-dawl tal-jum għadu ma deħerx.

S. Hallini ngħid. Il-jum mhux sejjer jidher aktar, la l-lum, la għada u anqas wara, jekk inti ma taħsibx.

K. Tajba din, li jmiss lili t-toqol li nagħmel il-jum.

S. Sejra ngħidlek kif. Iżda l-ewwel ħaġa u li mingħajrha ma jista' jsir xejn hija li inti tiġi miegħi bla dewmien fid-dar tax-Xemx, Sidti. Inti tifhem il-bqija ma' tul it-triq; u xi ħaġa jfissirhielek l-Eċċellenza tiegħu, meta naslu.

K. Kollox sewwa. Iżda l-mixja, jekk miniex sejjer im-qarraq, tkun twila wisq. U kif nista' jiena nġib ikel biżżejjed u ma mmutx bil-ġuħ xi sena qabel ma nasal? Barra minn dan naħseb li l-Artijiet ta' l-Eċċellenza tiegħu ma jagħtux biżżejjed biex wieħed jista' jħejji anqas ikla żgħira.

S. Hallik minn dawn id-dubji. Inti ma jkollokx għal-fejn iddum wisq fid-dar tax-Xemx; u l-vjaġġ nagħmluh f'leħħa għaliex, jekk ma tafx, jiena spirtu.

K. Imma jiena ġisem.

S. Tajjeb, tajjeb; inti ma għandekx titħawwad b'dan il-kliem, għax tabilħaqq m'intix filosofu metafiżiku. Ersaq lejja, itla' fuq spallejja u ħalli għalija l-bqija.

K. Ersaq: arani tlajt... Naraw kif sejra tispiċċa din il-ħaġa hekk ġdida.

Ġ. Soler.

*(Fadal)*